**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 171/2015 AGV**

**ABC (ID nru: 179179M)**
**vs**
**DB (ID nru: 24520A)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' ABC fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi fit-3 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), l-esponenti zzewwġet lill-konvenut DB kif jirrizulta miċ-ċertifikat ta' zwieġ anness bħala **<u>Dok A</u>** u dan wara biss sena għerusija hekk kif kien ser jiġi deportat;

2. Illi minn dan iz-zwieġ twieldet it-tifla EB fl-4 ta' Frar, 2006 f'tal-Pieta', Malta kif jirrizulta minn **Dok B** anness;

3. Illi mentri matul is-sena għerusija, l-konvenut kien iġib ruħu tajjeb ma' l-esponenti, il-ħajja matrimonjali wara li dawn izzewġu bdiet bil-mod il-mod sejra għall-agħar minħabba l-atteġġjament da parti tal-konvenut lejn l-esponenti u li għal diversi ħtijiet imputabbli lill-konvenut tkissret b'mod irrimedjabbli minħabba raġunijiet serji li skont il-liġi jagħtu lok għal firda personali (kif ser jirrizulta fid-dettal matul il-mori ta' din il-kawza) inkluz minħabba l-atteġġjament distakkat u mġieba ħazina murija mill-konvenut lejn l-esponenti martu matul iz-zwieġ matul liema huwa kien jagħmel li jrid fil-waqt li jippretendi li l-esponenti ġġib ruħha kif dettat minnu, fil-waqt li huwa saħansitra kien aggressiv ma' l-esponenti, eventwalment allontanat ruħha mid-dar matrimonjali u ċioe' Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad, b'dan pero' li baqa' jkollha aċċess liberu għall-istess fond. Il-konvenut min-naħa tiegħu baqa' jabita fl-istess fond u dan minkejja dak li ser jiġi spjegat f'dan ir-rikors fir-rigward taċ-ċirkostanzi referibbli għall-akkwist li sar matul iz-zwieġ ta' terz mill-fond matrimonjali, li għalih il-konvenut ma kkontribwixxa xejn, kif ukoll minkejja l-fatt li wara kollox, kien l-istess konvenut li għandu jitqies li kien il-kaġun tat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieġ tal-partijiet;

4. Illi kif hawn fuq aċċennat, l-imsemmi fond matrimonjali hawn fuq imsemmi hu fond li **limitatament biss għal terz indiviz** minnu jidher li ġie akkwistat mill-kontendenti mingħand l-Awtorita' tad-Djar permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dorita Galea Medati datat 28 t'Awissu tas-sena 2007 (anness bħala **Dok C**);

5. Illi s-sehem ta’ terz indiviz ta’ dan il-fond ġie akkwistat unikament grazzi għaz-zija ta’ l-esponenti FC mingħajr ebda kontribut mill-konvenut tant li sal-prezent, qatt ma ħallas ċentezmu mis-somma tat-tletin Lira (Lm30) fix-xahar li skont il-kuntratt hawn fuq imsemmi kellu jitħallas lill-imsemmija zija bħala ripagament għas-self mogħti lilha biex isir l-akkwist ta’ l-imsemmi terz indiviz mentri l-esponenti f’dan il-punt hi lesta li tassumi weħidha r-ripagament intier ta’ tali dejn;

6. Illi fl-istess waqt kwalsiasi benefikati li saru fl-istess fond saru wkoll grazzi unikament għall-kontribut u għajnuna mogħtija mill-ġenituri ta’ l-esponenti kif ser jirrizulta matul il-mori ta’ din il-kawza;

7. Illi matul iz-zwieġ, il-partijiet ma kellhom ebda kontijiet bankarji jew fondi monetarji oħra konġunti uzati biex ikollhom tfaddil konġunt jew biex ilaħħqu ma’ l-ispejjez ta’ kuljum, b’dan illi fil-waqt li l-esponenti kienet għal snin sħaħ tgħin lill-konvenut fil-ħanut mikri tal-ħaxix bl-isem ta’ ‘Long Life’, fi Triq Sant’Aristartiku, San Pawl il-Baħar prattikament kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd, mingħajr ma tingħata ebda paga, il-konvenut kien izomm għalih l-introjtu kollu mill-istess negozju fil-waqt li kien sempliċement iġib miegħu id-dar l-affarijiet l-aktar basiċi ta’ ikel. Dan kollu minkejja li n-numru tal-VAT referibbli għalll-istess negozju, kien sa riċentement jgħajjat lill-esponenti, kif ser jirrizulta matul il-mori ta’ din il-kawza;

8. Illi minkejja li l-esponenti għaldaqstant ma kinitx tara jew tgawdi l-introjtu li kien jiġi ġġenerat min-negozju tal-ħanut tal-ħaxix hawn fuq imsemmi, hija riċentement skopriet, waqt li kienet qed tnaddaf il-fond matrimonjali (li hija baqgħet kull tant zmien taċċedi għalih kif spjegat) illi l-konvenut kellu mġemmgħin circa ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000) misturin

minnha. Dan kollu ser jiġi wkoll spjegat f'aktar dettal mill-esponenti matul il-mori ta' din il-kawza;

9. Illi l-esponenti fil-fatt kienet għamlet snin sħaħ tibqa' tiddependi fuq il-benevolenza tal-ġenituri tagħha li kienu jgħaddulha l-flus biex tkun tista' tlaħħaq mal-bzonnijiet ta' kuljum (inkluz kontijiet ta' dawl u ilma) sakemm lejn l-aħħar tas-sena 2012 hija bdiet taħdem bħala *careworker* fl-Isptar San Vinċenz de Paule, anki jekk bdiet b'paga minima, wara snin li matulhom il-konvenut kien ilu joġġezzjona li hija toħroġ taħdem;

10. Illi fil-frattemp ukoll l-esponenti spiċċat imbiegħda minn bintha stess (bint il-partijiet li għad għandha biss disgħa (9) snin li bħalissa tinsab tgħix is-Sirja ma' qraba tal-intimat DB (fil-belt ta' Homs, dejjem sa fejn taf hi) wara li l-imsemmi DB, kontra l-volonta' tagħha ma kienx ħalliha tiġi lura Malta ma' bintha wara li huma kienu marru flimkien għal btala fis-Sirja fis-sena 2008. Dan wara li xi snin qabel, il-konvenut kien għadda lill-esponenti minn sitwazzjoni simili li eventwalment kienet irrisolviet ruħha (kif jista' jiġi spjegat matul il-mori ta' din il-kawza), b'dan illi wara li seħħ dak li seħħ fis-sena 2008, minn dak iz-zmien, minkejja t-tamiet tagħha li l-konvenut jerġa' jġib lil binthom lura Malta, kif kien iwiegħdha, l-esponenti baqgħet imċaħħda milli ġġib lura lil bintha Malta u l-kuntatt bejnha u l-istess minuri ġie limitat għal kuntatt telefoniku/b'internet għal ftit ħin fil-ġimgħa. Din is-sitwazzjoni hi waħda ta' dulur kbir għall-esponenti li bħal kull omm, tixtieq illi trabbi lil bintha u tħaddanha magħha u mhux tinzamm imbiegħdha minnha kif ilha għal daqstant zmien;

11. Illi mentri l-esponenti, sakemm iz-zwieġ ma' l-imsemmi Rami Hamid kien għadu għaddej baqgħet tittama li bil-kelma t-tajba dan jiġi perswaz sabiex iġib lura Malta lil binthom u hu min-naħa tiegħu kien iwiegħed li kien ser

iġibha lura Malta, jidher li minħabba li z-zwieġ issa tkisser irrimedjabbilment, ma hemm l-ebda prospettiva li ser ikun possibbli għall-esponenti li ġġib lura lil bintha Malta, sakemm ma tingħatax l-assistenza mill-Awtoritajiet kollha kompetenti kemm lokali u barranin biex bintha tinġieb lura Malta, kif effettivament għandu jirrizulta li hu possibbli ladarba l-istess minuri twieldet Malta (kif jirrizulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha li għalih diġa saret referenza) u effettivament tipposjedi passaport Malti li jippermettilha li tiġi lura Malta (**Dok D anness**);

12. Illi l-esponenti hi ovvjament sogħbiena, miġugħha u mbikkma li hija ilha għal dawn is-snin kollha mbiegħdha minn bintha;

13. Illi mentri l-konvenut, f'laqgħa li kellu ma' l-esponenti saħansitra fil-bini tal-Qorti tal-Familja, kien reġa' indika ricentement li huwa xtaq ukoll li l-minuri terġa' tinġieb Malta izda skont hu, huwa ma setax imur kemm minħabba li kien hemm il-gwerra kif ukoll minħabba, skont hu, problemi ta' visa/passaport u fl-istess laqgħa, l-esponenti indikat saħansitra li hija kienet lesta li tmur hi stess is-Sirja biex titla' għal binthom u minkejja li matul tali laqgħa, il-konvenut ma oġġezzjonax għal tali proposta, xi jiem wara ntbagħtet ittra legali lilu datata 4 ta' Ġunju 2015 (**Dok E** annessa) biex jikkonferma ta' dik li tidher li kienet il-posizzjoni tiegħu kif espressa waqt l-imsemmija diskussjonijiet u ċioe' li huwa wkoll jixtieq illi t-tifla tagħhom Amira tinġieb lura mis-Sirja;

14. Illi l-iskop ta' din l-ittra kien dak illi jwassal sabiex jiġi ezaminat kif jista' jsir sforz konġunt biex it-tifla tinġieb lura Malta mingħajr aktar dewmien. F'dan ir-rigward, peress li sa fejn taf l-esponenti, il-minuri għadha qed tirrisjedi mal-qraba tal-konvenut ġewwa l-Belt ta' Homs, is-Sirja, huwa ntalab sabiex jottjeni dikjarazzjoni uffiċjali u maħlufa mingħand il-ġenituri

tiegħu li tikkonferma fl-ewwel lok li l-minuri E fil-prezent tinsab magħhom u li huma ma kienux ser ikunu ta' ebda ostakolu f'kaz illi l-esponenti titla' s-Sirja ma' l-ewwel opportunita' biex iġġib lura lil bintha magħha;

15. Illi minkejja dak li l-konvenut kien spjega verbalment fil-laqgħa msemmija, u ċioe' li huwa wkoll xtaq li l-minuri tinġieb Malta, l-ittra legali hawn fuq imsemmija baqgħet mhux imwieġba u wara tentattiv li l-esponenti għamlet biex iċċempel lill-konvenut biex titolbu jagħti risposta għal tali ittra dan weġibha fis-sens li hija għandha toqgħod għal dak li jgħidilha hu.

16. Illi kif diġa aċċennat, l-esponenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi b'din il-kawza wara digriet mogħti fl-atti tal-medjazzjoni li nfetħet aktar kmieni din is-sena bejn il-partijiet, liema digriet hu datat 28 ta' Mejju 2015 (**Dok F anness**).

Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet fuq premessi u imputabbli lill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et. seq. tal-Kapitoli 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kap 16);

3. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna l-likwidazzjoni, divizjoni u/jew assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li għandu fuq nofs l-akkwist ta' kwalsiasi

sehem mill-fond matrimonjali ċioe' Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad li sa matul il-mori ta' din il-kawza jkun jidher li hu fuq ismu jew li jkun inxtara waqt iz-zwieġ sabiex b'hekk kwalsiasi sehem akkwistat matul iz-zwieġ tal-kontendenti li jkun referibbli għal tali fond jiġi assenjat lill-esponenti weħidha u dan anki in vista ta' l-obbligi li l-esponenti hi lesta li tassumi fir-rigward, kif ser jiġi spjegat u kkonfermat matul il-mori ta' din il-kawza;

4. Tordna wkoll l-assenjazzjoni ta' flus u kwalsiasi propjeta' oħra mobbli jew immobbli li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jew li hija proprjeta' parafernali tal-partijiet, b'dan illi, salv dak illi jaf jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza, tiġi ordnata l-assenjazzjoni favur l-esponenti ta' dak illi hu spettanti lilha mill-introjtu magħmul u mfaddal matul iz-zwieġ min-negozju tal-ħanut tal-ħaxix bl-isem 'Long Life', fi Triq Sant' Aristartiku, San Pawl il-Baħar b'mod partikolari dak li hu dovut lilha bħala l-kumpens ġust għall-ħidma u benefikati li hija kkontribwiet direttament jew indirettament għalihom għan-negozju tal-ħaxix hawn fuq imsemmi, matul iz-zwieġ;

5. Tawtorizza lill-attrici tirrisjedi gewwa Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad flimkien ma' bintha EB, ad eskluzjoni mill-istess fond, tal-konvenut zewġha.

6. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri EB unikament u esklussivament f'idejn l-attrici, b'dan illi jekk jiġi provdut kwalsiasi aċċess favur il-konvenut għall-istess minuri EB meta din tinġieb lura Malta, tali aċċess jibqa' wieħed supervizjonat fil-Bini ta' l-Appoġġ in vista tal-fatt li hemm raġunijiet serji li jwasslu lill-esponenti tibza' li jekk il-konvenut ikollu aċċess liberu għall-minuri din tispiċċa terġa' tittieħed lura s-Sirja;

7. Sussegwentement tordna sabiex il-minuri E tinġieb lura Malta u/jew tagħti kwalsiasi ordni jew provvediment li jkun jista' jippermetti/jiffaċilita' kwalsiasi proċess li jkun hemm bzonn sabiex l-esponenti tkun tista' ġġib lura Malta lil bintha EB.

8. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu retta alimentari xierqa, ghaliha u aktar minn hekk, għall-minuri EB skond il-Ligi;

9. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti għal kunjom xbubitha ċioe' C fil-waqt li tawtorizza z-zieda ta' kunjom xbubitha l-esponenti mal-kunjom tal-minuri biex din tiġi magħrufa u reġistrata bħala EBC;

10. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' DB datata 27 ta' Awwissu, 2015 fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghas-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti mhix opposta mill-esponenti b' dana pero' illi l-esponenti jirrileva li kienet l-istess attrici li gabet tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-partjiet, stante li fil-fatt hija ilha circa tlett snin illi abbandunat id-dar matrimonjali li rrifjutat illi tmur lura minghajr raguni xierqa; u dan nonostante l-fatt illi l-esponenti pprova kemm-il darba jikkonvinciha tmur lura kif ser jigi ppruvat matul il-mori ta' dina l-kawza;

2. Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda u l-artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu applikati kontra l-konvenuta skont kif qed jigi mitlub fil-konttro-talba li qed issir kontestwalment ma' din ir-risposta.

3. Illi l-ewwel bicca tat-tielet talba tal-attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u likwidazzjoni, divizjoni u/jew assenzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f' zewg partijiet, mhux necessarjment ugwali mhux opposta mill-esponenti;

4. Illi pero' l-esponenti qed jopponi t-tieni parti tat-tielet talba attrici li titlob illi l-intimat ghandu jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti ta' kwalsiasi sehem mill-fond  matrimonjali sabiex tali fond jigi assenjat lill-esponenti wehidha u jipproponi illi l-imsemmi fond jigi assenjat lilu kif qed jigi mitlub fil-kontrotalba li qed issir konstwalment ma' din ir-risposta;

5. Illi l-esponenti jaqbel mal-assenzjoni ta' kwalunwke flus jew kwalsiasi propjeta' ohra mobbli jew immobbli li toffrihom parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew li hija propjeta' parafernali tal-partijiet, b'dan pero' illi l-esponenti jiddikjara ill l-attrici qatt ma kienet impjegata fil-hanut tal-haxix, Long Life, Triq Sant Aristartiku, San Pawl il-Bahar, izda hija kienet sempliciment tghin fil-hanut madwar siegha jew saghtejn meta kienet tkun tista' sakemm huwa jmur jixtri mill-Pitkalija, Ta' Qali, u per cio' l-kontribut taghha ghal ghixien taghhom kien wiehed minimu  ghalhekk ma hija dovuta l-ebda kumpens;

6. Illi l-hames talba ghanda tigi michuda;

7.Illi l-esponenti jopponi s-sitt talba attrici stante li fatt illi kif qed jigi mitlub fil-kontro talba,  li qed issir kontestwalment ma' din ir-risposta l-esponenti qed

jitlob illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E, tigi fdata esklussivament lilu u illi tkun l-attrici illi tigi assenjata access adegwat ghall-imsemmija minuri;

8.Illi l-esponenti ma jsib l-ebda oggezzjoni sabiex EB, terga' lura Malta izda jinsisti, illi jmur huwa stess flimkien mal-attrici sabiex igibu lura lil binthom flimkien ;

9.Illi l-ewwel parti tat-tmien talba attrici ghandha tigi michuda stante l-fatt illi hija ddekadiet mid-dritt taghha ghal manteniment meta hija abbandunat d-dar matrimonjali u rrifjutat li tmur lura minghajr raguni xierqa u di piu' kif stqarret l-attrici stess fir-rikors taghha, hija ghandha impjieg fiss u per cio' hija ghandha introjtu sabiex tkun tista' tghix;

11.Illi t-tieni parti tat-tmien talba ghandha tigi michuda stante l-fatt illi skont dak li qed jigi mitlub fil-kontro-talba li qed issir kontestwalment mar-risposta l-esponenti, qed jitlob il-kura u l-kustodja tal-minuri E tigi fdata eslussivament lilu u per cio' ghandha tkun l-attrici illi thallas retta alimentarja xierqa lilu ghall-imsemmija minuri;

12. Illi l-esponenti ma ssib ebda oggezzjoni illi l-attrici, tirreverti ghal kunjom xbubitha u li bintu EB, tigi maghrufa u registrata bhala EBC.

**Il-Qorti rat il-kontro-talba Guramentata ta' DB ;**

1.Illi l-esponenti twieled u ghex gewwa Sirja minn genituri Palestinjani u gie Malta fis-sena elfejn (2000);

2. Illi l-esponenti u ABC primarjament izzewgu bir-rit izlamiku fil-Moskea ta' Rahal Gdid, f' Novembru tal-elfejn u tlieta (2003) u sussegwentement

izzewgu bic-civil fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla EB li twieldet fl-erbgha (4) ta' Frar 2006 f'tal-Pieta, Malta;

3. Illi l-esponenti minn dejjem kien bniedem religjuz u dan huwa fatt illi l-attrici kienet a konoxxenza tieghu sa minn qabel ma zzewgu. Infatti kienu karatteristici bhal fatt illi l-attrici kienet tfajla tal-affari taghha, li la kienet tpejjep u lanqas tixrob alcohol illi fost affarijiet ohrajn gibdu lil esponenti lejha u sahansitra pproponielha biex jizzewgu;

4. Illi l-esponenti jishaq illi huwa dejjem mexa tajjeb fir-rigward ta' martu u jichad kategorikament l-allegazzjonijiet tal-attrici illi huwa qatt kien distakkat jew aggressiv maghha. L-esponenti jinsisti illi tali allegazzjonijiet huma infondati u inveritjeri kif ser jigi pruvat ahjar matul il-mori ta' dina l-kawza;

5. Illi mentri ABC kienet thobb u tirrispetta hafna lill-esponenti, il-familja taghha sa mill-bidu nett kienu kontra r-relazzjoni taghhom. Din l-oppozizzjoni kienet ibbazata fuq il-fatt illi l-esponenti kien ta' nazzjonalita' u religjon differenti sa minn qabel ma ltaqghu mieghu l-ewwel darba. Din id-diskriminazzjoni hija wahda ingusta ghall-ahhar ghaliex l-esponenti dejjem habb u rrispetta lil martu;

6. Din l-oppozizzjoni persistenti u kontinwa minn naha tal-familjari tal-attrici holqot hafna problemi bejn l-esponenti u martu, li sahansitra darba minnhom meta l-attrici u binthom marru ghamlu perjodu qasir jghixu s-Sirja mal-familjari tal-esponenti, l-genituri taghha marru u gabuha lura minghajr ma avzaw lill-esponenti u meta gew lura Malta hadu lill-attrici u lill-minuri E d-dar taghhom is-Siggiewi u ma ridux ihallu lill-attrici tmur

lura d-dar filmkien mal-esponenti u binthom. Kien infatti wara l-intervent tal-pulizija illi insista li l-attrici ma setghetx tinzamm fid-dar tal-genituri minghajr il-volonta taghha illi l-attrici marret lura d-dar ma zewgha u binthom;

7. Illi l-esponenti dejjem hadem bla nifs sabiex jipprovdi ghall-ghajxien tal-familja tieghu, sahansitra matul iz-zwieg kien hemm perjodi fejn kien jahdem *full-time* fil-hanut matul il-gurnata u jerga' jmur jahdem fuq bazi *part-time* bhala *career* jew *waiter* filghaxijiet. L-esponenti jichad illi huwa qatt naqas lil martu minn xi haga u hija dejjem kienet libera illi tiehu l-flus mill-cash tal-hanut sabiex tixtri dak kollu illi kien ikun hemm bzonn u thallas kwalunkwe kontijiet illi kien ikollhom. L-esponenti jaqbel illi l-genituri tal-attrici hallsu ghall-kcina u l-kamra tal-banju illi jinsabu fid-dar matrimonjali izda jichad kategorikament illi l-benefikati kollha illi saru fl-imsemmi fond saru kollha mill-genituri tal-attrici;

8. Illi meta l-esponenti fetah il-hanut tal-haxix, Long Life, Triq Sant' Arisartiku, San Pawl il-Bahar, ghal-bidu dan kien bi shab ma' habib tieghu. Kien ghal habta tal-elfejn u sitta (2006) illi l-esponenti xtara sehem siehbu mill-hanut u beda jiggestih huwa wahdu. Kien f'dan il-perjodu illi l-attrici kienet tinzel meta tkun tista' ghal-siegha jew saghtejn sa ma l-esponenti kien imur jixtri l-haxix mill-Pitkalija. L-attrici qatt ma kienet obbligata illi tinzel tghin lill-esponenti fil-gestjoni tal-hanut tant illi hija kienet tinzel meta trid hi u gieli anke hadet lill-minuri E maghha sabiex izomm kumpanija lill-esponenti iktar milli sabiex tghin fil-gestjoni tal-hanut. Barra minn hekk l-attrici ilha ma tersaq lejn il-hanut mill-inqas tlett (3) snin u fil-frattemp kien l-esponenti illi baqa' jahdem u jibghat il-flus is-Sirja ghall-ghijxien ta' binthom mentri l-attrici qatt ma kkontribwiet bl-ebda mod;

9. Illi l-fond matrimonjali u cioe' Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad gie akkwistat cirka fl-istess perjodu meta l-esponenti kien ghadu kemm xtara sehem siehbu mill-hanut u per cio' kien zmien finanzjarjament iebes hafna ghalihom u ghalhekk kienu ddecidew illi l-pagamenti dovuti liz-zija tal-attrici, certu, FC, jipposponuhom sakemm ikunu f'posizzjoni finanzjara kemmxejn ahjar. Izda meta wara ftit zmien l-esponenti kien ippropona lill-attrici sabiex jibdew ihallsu liz-zija taghha din ma kienetx qablet u ghalhekk l-esponenti jaqbel illi l-pagamenti FC qatt ma saru;

10. Illi l-esponenti jixtieq illi l-fond matrimonjali hawn fuq imsemmi jigi assenjat lilu sabiex ikun jista' jghix fih flimkien ma' l-minuri E, infatti huwa lest ihallas l-ammont ta' ghaxar't elef u hames mitt Liri Maltin (Lm10,500) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, erba' mija, hamsa u sittin Ewro (€24,465) dovuti liz-zija tal-attrici, FC u sahansittra jirrifondi lill-genituri tal-attrici kwalunkwe spejjez illi huma hargu ghall-kcina u l-kamra tal-bajnu li jinsabu fid-dar matrimonjali;

11. Illi l-esponenti qatt ma heba ebda flus mill-attrici, infatti huwa dejjem taghha access liberu ghall-*cash* tal-hanut u mhux l-ewwel darba illi kienet tiehu flus minn hemm hija stess sabiex tmur tixtri. L-esponenti jichad illi huwa kellu s-somma ta' cirka hamsa u tletin elf Ewro (€35,000) misturin stante l-fatt illi bl-introjtu tieghu huwa impossibbli ghalih illi jgemma tali cifra u l-attrici dan tafu ben tajjeb. Li kieku l-esponenti kellu introjtu bizzejjed sabiex igemma dak l-ammont ta' flus la kien ikollu ghalfejn imur jahdem *part-time*, la jissellef il-flus sabiex ihallas sehemhom mid-dar matrimonjali u wisq anqas joghoqod il-boghod minn bintu ghal dawn l-ahhar snin;

12. Illi bhal ma taf l-attrici, d-decizjoni illi binthom E tghix ghal ftit zmien is-Sirja kienet wahda illi ttiehdet mill-esponenti u l-attrici flimkien, u mhux xi decizjoni arbitrarja tal-esponenti li giet imposta fuq l-attrici u l-minuri, kif qieghed jigi insinwat. L-esponenti u l-attrici flimkien kienu qablu illi E tibqa' ghal ftit zmien is-Sirja mal-genituri tal-esponenti stante l-fatt illi l-hajja fis-Sirja hija ferm irhas minn dik ta' Malta u peress illi s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom ma kienetx mill-ahjar, dak iz-zmien dehret bhala decizjoni ghaqlija illi E tibqa' s-Sirja sabiex huma jkunu jistghu jipprovdu ghaliha u fl-istess hin ma tkun nieqsa minn xejn;

13. Illi barra minn hekk mhuwiex minnu illi l-esponenti qatt ma halla lill-attrici tohrog tahdem. L-esponenti kien konxju tax-xewqa tal-attrici illi hija tmur tahdem u sahansitra kien hu stess illi kien kellem lil xi hadd mill-California Hotel fejn kien jahdem bhala waiter fuq bazi part-time, sabiex isibulha xoghol. Hija kienet hadmet hemmhekk bhala waitress ghal circa gimgha izda imbaghad kienet giet tibki dar u qalulu illi waqqfuha. Fil-frattemp hija kienet baqghet tinzel il-hanut meta kienet tkun tista' izda xorta kienet baqghet bix-xewqa illi ssib xoghol. Per cio' ghal darb'ohra l-esponenti meta kien qieghed jahdem bhala *carer* Mater Dei Hospital kien kellem lil xi hadd mill-kumpanija li kienet timpjegah, certu Support Services Limited, sabiex isibu impjieg ghal-attrici u kien infatti hekk illi l-attrici sabet ix-xoghol illi hija ghandha bhala *career* Saint Vincent De Paule Hospital;

14. Illi pero' meta l-attrici bdiet tahdem Saint Vincent De Paule Hospital hija bdiet tmur torqod ghand il-genituri, s-Siggiewi, ghaliex iktar vicin u b' hekk ikun jista' jwassalha missierha ghax-xoghol ghaliex hija m'ghandhiex licenzja u ghalhekk ma ssuqx. Ghall-ewwel l-esponenti ma qal xejn ghaliex kien qed jaraha ghal qalbha tahdem u kien kuntent

ghaliha, izda wara ftit taz-zmien meta ra illi qabdet sewwa fl-impjieg il-gdid taghha, kien ipproponielha sabiex titlob *transfer* lill-*employers* taghha ghal x' imkien aktar vicin halli hija terga' tmur tibda torqod id-dar u jibda jwassalha huwa stess ghax-xoghol filghodu izda din injoratu;

15. Illi f'dawn l-ahhar circa tlett (3) snin, l-esponenti kemm il-darba mar id-dar tal-genituri taghha sabiex ikellem lill-attrici u lill-genituri taghha halli jippruvaw jirrangaw l-affarijiet, izda dejjem sab rezistenza qawwija min-naha tal-genituri taghha li huma possessivi hafna fir-rigward ta' binthom;

16. Illi l-esponenti ma jixtieq xejn aktar milli bintu terga' lura Malta u dan anke l-attrici tafu. L-esponenti ihobbha hafna lil bintu u qatt ma kien ser ihalliha tghix ghal dan iz-zmien kollu s-Sirja li kieku hija ma kienetx ghal qalbha hemm hekk u ma kienetx qed tinghata trobbija tajba. Nonostante dan kollu, kif l-esponenti stess qal lill-attrici iktar minn darba, huwa lest illi jmur flimkien mal-attrici is-Sirja sabiex igibu lura lil binthom minghajr il-bzonn tal-intervent tal-Awtoritajiet stante l-fatt illi E tixtieq lill-genituri taghha imorru ghaliha u l-intervent tal-Awtoritajiet jista' jkollu konsegwenzi trawmatici fuq il-minuri li mhijiex a konoxxanza tal-prezenti proceduri u hija taht l-impressjoni illi l-genituri taghha ghadhom flimkien;

17. Illi di piu' ghal-kuntrarju ta' dak allegat mill-attrici fir-rikors promotur taghha, l-esponenti irrisponda ghall-ittra tal-avukat taghha u infatti baghat *SMS* lill-attrici stess fejn qallha illi huwa lest illi jmur ghal binthom flimkien mal-attrici, li min-naha taghha injoratu u ma tatu l-ebda risposta u minflok fethet dina l-kawza;

18. Illi l-esponenti ilu cirka hmistax (15)-il sena jghix Malta, u ma ghandu l-ebda intenzjoni illi jmur jghix lura is-Sirja, infatti kif taf ben tajjeb l-attrici

huwa qieghed jaghmel minn kollox sabiex jinghata cittadinanza Maltija u r-residenza tieghu hawn issir wahda permanenti minghajr ebda dubju. Huwa ghalhekk illi l-esponenti jinsisti illi ma hemm l-ebda riskju illi huwa jiehu lil minuri E lura s-Sirja minghajr il-kunsens ta' ommha u f'dan ir-rigward jistghu jittiehdu prekawzjonijiet necessarji billi l-passaport tal-minuri jinzamm mill-attrici u jigu informati l-awtoritajiet ikkoncernati illi l-esponenti ma jistax isiefer mal-minuri minghajr il-kunsens bil-miktub tal-attrici. Ghaldaqstant l-esponenti ma jhossx illi huwa ghandu jkollu ghalfejn jara lill-bintu taht supervizjoni l-Agenzija Appogg, anzi, huwa jixtieq illi l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lilu. Huwa ghandu hinijiet ta' xoghol flessibli u ghalhekk ikun jista' jiehu hsieb lill-minuri meta din ma tkunx l-iskola u barra minn hekk huwa jista' jirrelata hafna ahjar maghha stante l-fatt illi l-minuri ormai drat fil-kultura Sirjana u ser tkun ferm difficli ghaliha sabiex taddatta ruha ghall-kultura Maltija minghajr l-appogg ta' missierha. Di piu' l-esponenti huwa ferm inkwetat dwar l-influwenza illi l-genituri tal-attrici jista' jkollhom fuq il-minuri E kif kellhom fuq binthom u jibza' illi dawn ser jippruvaw icahhduh minnha kif diga' ghamlu fil-passat u jaghmlu pressjoni fuq bintu jew jikkondizzjonawha kontra tieghu;

19. Illi DB jaf b' dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost tghid ghalhekk l-attrici ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli lill-attrici;

2. Tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48. et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna l-likwidazzjoni, divizjoni u/jew assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod illi l-attrici titlef kill jedd illi hija ghandha fuq nofs l-akkwist ta' kwalsiasi sehem mill-fond matrimonjali cioe Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad, li sa matul il-mori ta' dina l-kawza jkun jidher illi huwa f'isimha jew li nxtara matul iz-zwieg sabiex b'hekk kwalunkwe sehem akkwistat matul iz-zwieg tal-kontendenti li jkun rideribbli ghal tali fond jigi assenjat lill-esponenti wahdu;

4. Tordna wkoll l-assenjazzjoni ta' flus u kwalsiasi proprjeta' ohra mobbli jew immobbli li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew li hija proprjeta' parafernali tal-partijiet;

5. Tawtorizza lill-esponenti jirrisjedi gewwa l-fond Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad flimkien ma' bintu EB, ad eskluzjoni mill-istess fond tal-attrici;

6. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri EB unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti u tipprovdi access adegwat lill-attrici;

7. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-esponenti retta alimentarja xierqa ghall-minuri EB;

8. Tappunta avukat tat-tfal sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-minuri EB;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta Ġuramentata tar-rikorrenti rikonvenzjonata** ABC - I.D.179179(M) wara l-Kontro-Talba tal-konvenut DB.

1. Illi kuntrarjament għal dak li qed jallega l-konvenut rikonvenzjonant, l-unika ħtija għat-tifrik taz-zwieġ bejn il-partijiet hi dik li hija mputabbli għall-istess konvenut għar-raġunijiet li ġew diġa' premessi fir-rikors ġuramentat tal-esponenti u fost affarijiet oħra, dan stante l-mod kif il-konvenut rikonvenzjonat kien iġib ruħu lejn l-esponenti matul il-ħajja matrimonjali u n-nuqqas totali tal-istess konvenut li jifhem u/jew jassumi x'inhuma l-obbligi essenzjali tiegħu lejn l-esponenti bħala raġel tagħha, jekk qatt kellu għarfien jew intenzjoni li jassumi tali obbligi lejn l-esponenti u lejn binthom EB li minħabba fih kienet inzammet u baqgħet maqbuda sa issa s-Sirja fejn hija ilha mbiegħda minn l-esponenti mis-sena 2008. L-anqas ma hu minnu li z-zwieġ tal-partijiet kien preġudikat mill-familjari ta' l-esponenti – anzi dawn dejjem ippruvaw juru rispett lejn il-konvenut rikonvenzjonat u kienu ta' appoġġ għall-bzonnijiet tal-partijiet inkluz biex tintrama r-residenza matrimonjali tal-partijiet, kif ukoll fil-ġestjoni tan-negozju tal-ħaxix li ssir referenza għalih fir-rikors ġuramentat promotur tal-esponenti. Dan kollu ser jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza. Kien biss il-konvenut rikonvenzjonant li aktar ma beda jgħaddi z-zmien aktar beda juri li hu ma kienx jirrispetta lill-esponenti u lil binthom u kien għalhekk biss li l-ġenituri ta' l-esponenti ntervjenew kull fejn kien hemm bzonn biex il-konvenut ma japprofittax ruħu minnhom u mill-esponenti;

2. Illi konsegwentement l-ebda disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili ma għandhom jiġu applikati fil-konfront ta' l-esponenti

stante li hija ma hi ħatja ta' l-ebda raġuni li twassal għall-applikazzjoni ta' l-istess disposizzjonijiet. L-anqas ma hu minnu li l-esponenti abbandunat id-dar matrimonjali tant li hi baqgħet tmur tnaddaf il-fond matrimonjali u ssajjar l-ikel fil-waqt li minbarra minħabba l-mod kif il-konvenut kien iġib ruħu lejha matul iz-zwieġ, ir-raġuni għalfejn l-esponenti kienet tmur torqod għand il-ġenituri tagħha meta hija sabet impjieg l-Isptar San Vincenz kien stante li dawn kienu jwassluwha huma għax-xogħol mentri l-konvenut l-anqas meta kienet tgħix miegħu ma kien jindenja ruħu jwassalha sabiex tmur taħdem il-Ħanut tagħhom San Pawl il-Baħar stess, aħseb u ara kemm kien ser iwassalha għall-isptar San Vincez de Paule(!);

3. Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti, din għandha tinqasam skont kif mitlub mill-esponenti fir-rikors ġuramentat tagħha u b'mod partikolari dak sfaċċatament mitlub mill-konvenut rikonvenzjonant sabiex kwalsiasi sehem mill-fond matrimonjali cioe' minn Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad jiġi assenjat lilu għandu jiġi assolutament miċħud;

4. Illi l-assenjazzjoni ta' flus u kwalsiasi propjeta' mobbli jew immobbli li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti għandha ssir skont kif mitlub mill-esponenti u mhux skont kif pretiz mill-konvenut rikonvenzjonat;

5. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenzjonat sabiex jiġi awtorizzat illi jirrisjedi ġewwa l-fond matrimonjali cioe' Flat 1, Block 3, Triq l-Insolja, Burmarrad flimkien mal-minuri EB, ad eskluzjoni mill-istess fond tal-attriċi għandha wkoll tiġi miċħuda stante li għandu jirrizulta li l-istess konvenut rikonvenzjonat ma għandu l-ebda dritt illi jabita fl-istess fond għar-raġunijiet u talbiet premessi u mressqin mill-esponenti fir-rikors ġuramentat tagħha, kif ser jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza u b'hekk għandu jkun hu li jiġi ordnat illi jivvaka mill-istess fond;

6. Illi t-talba sfaċċata sabiex il-kura u kustodja tal-minuri EB tkun fdata esklussivament favur il-konvenut rikonvenzjonant għandha wkoll tiġi miċħuda stante li l-konvenut wera bizzejjed kemm huwa ma għandux verament l-interessi ta' bintu f'moħħu għaliex li kieku ċertament ma kienx iħalli lill-istess minuri dawn is-snin kollha s-Sirja mbiegħda mill-ġenituri tagħha. Dan kollu wera biċ-ċar kemm il-konvenut rikonvenzjonant litteralment farfar mir-responsabilita' paterna tiegħu għal daqstant snin u wieħed ma jistax jifhem kif issa qed jippretendi li l-kura u kustodja ta' l-istess minuri tiġi affidata lilu. B'hekk l-aspetti relatati għall-kura u kustodja, aċċess u manteniment referibbli għall-minuri E għandhom jiġu deċizi skont kif mitlub mill-esponenti fir-rikors ġuramentat tagħha;

7. Illi t-talba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant sabiex l-esponenti tiġi ordnata tħallas retta alimentarja xierqa għall-minuri EB għandha wkoll tiġi miċħuda ladarba għandha tkun l-esponenti li għandha tiġi affidata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri EB, u b'hekk għandu jkun il-konvenut rikonvenzjonant li jiġi ordnat li jħallas manteniment għall-istess minuri;

8. Illi dwar it-talba kif imressqa mill-konvenut rikonvenzjat sabiex jiġi appuntat avukat tat-tfal sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-minuri EB, jiġi mwieġeb illi din it-talba mhijiex waħda ċara għaliex mhux ċar x'qed jitlob ezattament biha l-konvenut rikonvenzjonant. Jekk pero' din it-talba kienet intiza sabiex jiġi maħtur xi kuratur biex jirraprezenta l-interessi tal-minuri li fil-prezent tinsab assenti minn Malta, jiġi mwieġeb illi jekk il-konvenut rikonvenzjonant verament dispost li jikkopera biex dak li hemm bzonn li jsir, isir biex il-minuri tinġieb lura Malta, m'hu ser ikun hemm bzonn ta' l-ebda kuratur. Barra minn hekk fi kwalunwke kaz l-esponenti tinsisti li għandha tkun hi li tingħata s-setgħa li tirrapprezenta l-interessi tal-minuri

EB b'mod permanenti kif ukoll *pendente lite* sabiex waqt il-mori ta' din il-kawza l-interessi tal-istess minuri jkunu debitament rapprezentati.

Bl-ispejjez ta' din il-kontro-talba kontra l-konvenut rikonvenzjonant.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1.L-attrici pprezentat rikors dettaljat kif fuq citat u ghaldaqstant qed jigu adottati bhala provi l-fatti hemm imsemmiija. Ziedet tghid ukoll li tikkomunika mat-tifla minuri E kuljum bi Skype. Ilha ma taraha sitt snin. Biex taraha t-tifla s-Sirja jkollha bzonn il-firma tal-konvenut li jirrifjuta li jaghti dan il-kunsens. Tghid ukoll li ssibha difficli biex titla' minhabba x-xoghol, kif ukoll minhabba l-gwerra.

L-attrici tikkonferma li taqla' paga ta' €600 fix-xahar. Gieli taghmel overtime, pero' tghid li din ma tistax teccedi l-20 siegha. Ikkonfermat li tahdem bhala carer ma' HealthMark, San Vincenz de Paule. Bhala kontribuzzjoni ghall-minuri tikkonferma li tibghatilha l-hwejjeg bid-DHL u tonfqilha cirka €750 fis-sena.

Tichad li hi u l-genituri taghha kienu hadu Lm1800 minghand il-konvenut. Tghid li meta kienet is-Sirja, l-familja tal-konvenut kienu hadulha l-passaport u meta kienet titlobhulhom ma kinux jaghtuhilha lura.

Tikkonferma l-incident li sehh wara li waslet lura mis-Sirja bl-ghajnuna tal-genituri taghha. Tghid ukoll li kienet regghet telghet is-Sirja mal-konvenut u kontra r-rieda taghha kienu hallew lit-tifla minuri hemmhekk.

Ma regghetx telghet peress li kien hemm il-gwerra u kienet tibza', Tghid li damet biex fethet il-kawza ghax kienet tittama li ser terga' tigi lura t-tifla. Tikkomunika maghha permezz ta' whatsapp, messaggi u telefonati. Ma kinitx tibghatilha xi affarijiet qabel peress li ma kinitx tahdem u ma kellhiex introjtu.

Tikkonferma li l-minuri ma tafx dwar is-separazzjoni.

Wara li bdiet tahdem iz-zwieg taghhom qaleb ghall-aghar u kien anke ssawwatha meta nizlet il-hanut, izda ma kinitx ghamlet rapport.

Hi tixtieq li l-minuri tigi Malta, izda trid li jitilghu t-tnejn u l-konvenut mhux f'posizzjoni li jitla'. Disposta li thallliha thaddan ir-religjon li trid u tikkontribwixxi ghall-manteniment taghha ukoll.

2. Il-konvenut kien gie Malta f'Gunju, 2000 u fis-Sajf tas-sena 2003 kien iltaqa' mal-attrici l-Belt Valletta. Ighid li mill-ewwel kien ingibed lejn l-attrici peress li kienet kwieta, edukata u pulita u lanqas kienet tixrob jew tpejjep.

Kien hemm opposizzjoni da parti tal-familjari tal-attrici ghaliex kien Musulman u Palestinjan u ghalhekk kienu zzewwgu bil-mohbi f'Novembru, 2003 gewwa l-Moskeja ta' Rahal Gdid. Meta saru jafu kien spicca arrestat peress li ma kellux id-dokumenti legali biex jirrisjedi hawn Malta, izda hmistax wara gie lliberat.

L-attrici baqa' tinsisti mal-familjari taghha, li peress li tant kienet thobb lill-konvenut kienet ser titlaq warajh jekk kien ser jigi ddeportat. Minn

hawn donnhom bdew jaccettaw lill-konvenut u spicca zzewwgu civilment fit-3 ta' Marzu, 2004 u fit-2 ta' Frar, 2006 kellhom tifla E.

Il-konvenut jispjega li minn dejjem habb il-familja u dejjem hadem hafna, sahansitra kien jahdem zewg impjiegi biex ilahhqu mal-ispejjes peress li l-attrici ma kinitx tahdem. Kien fetah hanut Long Life, San Pawl il-Bahar, ghall-bidu bi shab ma' habib tieghu GH, izda mbaghad xtara lil siehbu 'l barra u kien imexxi l-hanut wahdu u kien hemm full-time. F'dak iz-zmien, l-attrici kienet tinzel tghinu fil-hanut. Ighid li l-bzonnijiet ta' kuljum, l-attrici kienet tehodhom mill-hanut u kellha access ghall-cash u ma kienx izomm rendikont ta' x'kienet tiehu u ma tiehux.

Peress li l-attrici ma kinitx tahdem u kien qed ihallas l-ispejjes kollha u ma tantx kien hemm qliegh mill-hanut, kienu ddecidew li sakemm joqghod fuq saqajh, l-attrici u binthom kellhom imorru s-Sirja biex ighixu mal-familja tieghu, peress li l-hajja hemm kienet irhas. Ighid li l-attrici kienet accettat dan l-arrangjament.

Meta gew lura mis-Sirja, kienu jghixu bhala familja normali, izda xi hadd kien ghamel rapport u kienu gew social workers mill-Agenzija Appogg sabiex jaraw f'liema stat kienet qed titrabba l-minuri. Kienu marru xi erba' darbiet, izda mbaghad ma marrux aktar.

Jispjega kif fl-2008 kienu marru btala s-Sirja u peress li kellhom hafna spejjes kienu ddecidew li jhallu lit-tifla minuri s-Sirja. Kien baqa' jmantniha hu u jibghat il-flus lill-familjari tieghu. Ighid li ghalkemm l-attrici kienet bdiet tahdem, qatt ma kienet tibghatilha xi flus. Ic-childrens allowance kienet tircevihom l-attrici u ma kinitx taghtih minnhom, izda mbaghad kienu waqqfu jircevuhom. Ighid li kemm il-darba kien talabha

biex jitilghu s-Sirja ghand it-tifla, izda ma kinitx trid titla' u ma kienx jaf ir-raguni. Jametti minhabba l-gwerra kien difficli biex jitilghu s-Sirja. Illum ighid li l-minuri tghix ma' ohtu u jibghatilha €100.

Peress li l-hanut ma kienx qed irendi hafna, kien spicca jahdem part-time bhala carer Mater Dei bin-night shift, izda mbaghad kien ghajja. Jinnega li qatt ma ried lill-attrici tahdem, tant li jinsisti li kien hu li sabilha l-impjieg bhala carer l-Isptar San Vincenz.

Jispjega li ghall-bidu kien jidher li kollox kien miexi sew fiz-zwieg taghhom, izda ma bediex jissuspetta li meta l-attrici, peress li kienet bdiet tahdem San Vincenz u kien iktar vicin is-Siggiewi fejn kienu joqoghdu l-genituri taghha, kienet tmur torqod ghandhom, bl-intiza li kienet ser titlaq mid-dar matrimonjali.

Meta bdiet torqod hemm ta' kuljum kien talabha titlob transfer, izda jghid li kienet injoratu.

L-indhil tal-familjari tal-attrici minn dejjem kienet problema. Ighid li mill-bidunett ma kinux accettawh. Imbaghad meta hu u l-attrici kienu ddecidew li hi u l-minuri jmorrru jghixu s-Sirja, kien hemm opposizzjoni kbira da parti tal-genituri tal-atturi, tant li wara li kienu ilhom hemm ghal xi erba' xhur kienu telghu u marru l-Ambaxxata Maltija sabiex igibuhom Malta. Kienet infurmatu b'kollox l-attrici. Kien mar jilqaghhom l-ajruport, izda malli waslu l-genituri tal-attrici haduhom id-dar maghhom is-Siggiewi u ma bdewx ihallu lill-konvenut jarahom, tant li kellu jitlob l-intervent tal-pulizija darbtejn, sabiex fl-ahhar l-attrici u binthom marru lura d-dar. Minkejja r-relazzjoni tieghu mal-kunjati ma baqghetx l-istess, ighid li ma ndahalx fir-relazzjoni bejn l-attrici u l-genituri taghha, izda baqghu

sakemm fl-ahhar firduhom. Ighid li ma jistax jidhol is-Sirja ghax irid japplika ghall-visa peress li m'ghamilx is-sentejn suldat u lanqas m'ghandu passaport Sirjan.

Illum ighid li ma jridx igib lit-tifla Malta peress li jibza' mill-genituri tal-attrici.

**DAR MATRIMONJALI**

Kienu applikaw ghall-iskema ta' postijiet tal-gvern u kienu xtraw l-ewwel parti tad-dar taghhom minn flus li kienu ssellfu minghand iz-zija tal-attrici FC.

2. I u JC, il-genituri tal-attrici jispjegaw li malli saru jafu li l-attrici qed tohrog mal-konvenut ma kinux kuntenti, specjalment peress li l-attrici kienet infurmathom li kien Malta bla permess u ried li jizzewweg mill-aktar fis possibbli. Ikkonfermaw li l-konvenut kien infurmahom li kienu zzewwgu fil-Moskea u ried jidhol fid-dar taghhom, izda ma hallewhx sakemm ikkonvinca lill-attrici biex tmur tghix mieghu fl-appartament San Pawl il-Bahar. Jispjegaw li fil-fehma taghhom l-attrici kienet hemm kontra l-volonta' taghha u b'xi mod dejjem irnexxielhom igibuha lura d-dar taghhom.

Ighidu li wara li hadu diversi pariri minghand diversi qassisin fehmu li ma setghux iwaqqfu lill-attrici peress li kienet maggorenni. F'Settembru, Ottubru, 2003 kienu zammewh id-Depot u kienu tawh tlett xhur biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, ghax kienu ser jiddeportawh u ghalhekk spiccaw izzewwgu civilment.

Malli zzewwgu, il-genituri tal-attrici jghidu li l-konvenut hadilha l-flus kollha li kellha l-Bank u lanqas kien ighaddilha flus, tant li kienu jghinuha huma finanzjarjament. Wara li twieldet it-tarbija u kellha xahar, marru lejn is-Sirja, izda l-konvenut kien wasal biss sa Cipru, fejn habib tieghu kien akkumpanja lill-attrici u lil bintu sas-Sirja bl-ajruplan, fejn kienu damu xi sitt xhur. Jispjegaw kif kienu jitkellmu mal-attrici u kienu ndunaw li riedet tigi Malta. Kienu tkellmu ghalhekk mal-Konslu ghal Malta fis-Sirja biex jigu lura Malta u kellhom kollox  lest, pero' t-tifla minuri kienet ma tiflahx u spiccat l-isptar u ma setghetx tivvjagga. Fi ftit granet jispjegaw kif il-Konslu ,KL kien irrangalhom biex jitilghu s-Sirja u jgibu lura lill-attrici u lin-neputija E.

Meta gew lura, peress li l-minuri kienet ghadha ma tiflahx hassew li jkun ahjar jekk tibqa' rikoverata ghandhom u l-konvenut kien baqa' jigi ghandhom bil-pulizija sakemm baqghu ghandhom ghal tlett ijiem. Sadanittant kienu baqghu jipprovdu ghall-bzonnnijiet taghhom u l-konvenut qatt ma xtara xejn.

F' Ottubru, 2008 l-attrici kienet infurmathom li kienu regghu sejrin ghall-btala s-Sirja. Jispjegaw kif bdew jippanikjaw u ppruvaw isibu l-ghajnuna minghand il-pulizija u l-Appogg, izda l-attrici bdiet tibza' mill-konvenut, ghax kien taha daqqa ta' sieq. Meta gew lura gew minghajr it-tifla u jispjegaw li l-konvenut kien qallhom li kienu ser jitilghu ghaliha wara sena. Meta wasal iz-zmien kienu hallsulhom kollox biex jitilghu u missier l-attrici ried jitla' hmistax qabel ma nizlu, izda l-konvenut kien qallu li ma kienx hemm il-htiega u gew lura minghajr il-minuri. Sallum ighidu li l-attrici tikkomunika kuljum mal-minuri bl-Iskype.

Jikkonfermaw ukoll li f'Jannar, 2012 l-attrici kienet bdiet tahdem San Vincenz u li kienet toqghod ghandhom biex ikunu jistghu jwassluha x-xoghol. Meta tkun off ighidu li kienet tmur id-dar isajjar u tnaddaf. Il-genituri tal-attrici jinsistu li d-dar matrimonjali kienet tal-familja taghhom peress li huma kienu qed ihallsu l-kontijiet tad-dawl, ilma u maintenance. Missier l-attrici ghadu jhallas sallum €30 kull tlett xhur ghall-manteniment. L-attrici mbaghad kienet telqet peress li l-konvenut ma kienx qed itiha flus u kien hemm okkazzjonijiet fejn kien refa' idejh fuqha.

Dwar id-dar matrimonjali, missier l-attrici jikkonferma li kienu xtrawh minghand il-Housing u kienu ssellfu Lm10,000[1] minghand ohtu F li kienu nghataw lill-Housing. Kull ghaxar snin ghandhom ihallsu LM10,000. Il-kuntratt kien gie ffirmat quddiem in-Nutar Medati.[2] Ighid li sallum ma kinux hallsu lil ohtu F. Il-post kien inghata gebel u saqaf u hu u martu kienu hallsu lin-nies biex ibajdu u jsiru l-kamra tas-sodda[3] u tal-banju[4]. Kienu anke hallsulhom il-kcina.[5] Kienu hallsu c-cens kull sena ukoll.[6] Hallsu diversi spejjes ohra relatati mad-dar.[7] Il-post pero' kien imkahhal u mbajjad bil-gir, u kien hemm mghoddijin il-pipes tal-ilma, conduit tad-dawl u l-katusi tad-drenagg.

Ighid li xi kultant l-attrici thallas xi kontijiet tad-dawl u ilma. Rigward il-konvenut ighid li ma kienx nefaq iktar minn Lm60.

[1] Ara Dok. D 2 a fol. 99 tal-process.
[2] Ara Dok. C a fol. 9 tal-process.
[3] Ara Dok. I a fol. 108 tal-process.
[4] Ara DOk. E u E1 a fol. 100/101 u Dok. J a fol 113 tal-process.
[5] Ara Dok. K a fol. 116 tal-process.
[6] Ara Dok. D a fol. 97 tal-process.
[7] Ara Doks. F1-G a fol. 103-105 u Doks. M-P a fol. 121-148 tal-process.

Missier l-attrici jikkonferma ukoll li kien ghamel skrittura mal-konvenut fejn hu u martu kienu tawh kamra b'mera tolleranza f'dar is-Siggiewi biex jaghmel xoghol ta' produzzjoni, izda bilkemm uzaha. Il-ftehim kien validu ghal sitt xhur biss.[8]

3. FC, iz-zija tal-attrici tghid li missier l-attrici kien staqsiha jekk setghetx issellef xi flus lill-partijiet biex jixtru terz ta' appartament tal-Housing Authority bl-indirizz 3, Triq L-Insolja, Burmarrad. Fil-fatt kienet selfithom Lm10, 500 u dan skond kif jirrizulta mill-kuntratt.[9] Tghid li skond il-kuntratt kellhom ihallsuha Lm30 fix-xahar minn meta jidhlu fil-post. Tikkonferma li l-pagamenti qatt ma saru u tghid li minkejja kellha dritt tiehu proceduri biex tithallas skond il-kuntratt dawn il-proceduri ma hadithomx. Kienet talbet lill-konvenut kemm il-darba biex ihallas, izda qatt m'ghamel dan u kienet ghadha qed tippretendi tali ammont.

4. Mario Magro, in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar, esebixxa kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Doreen Catania Medati li sar fit-28 ta' Awissu, 2007. Ighid li l-partijiet applikaw taht l-iskema Shared Ownership One taht l-Avviz Legali numru 120/1999. Din l-iskema kienet tippermetti lil min japplika u jikkwalifika sabiex jixtri sehem mill-proprjeta' jew terz jew zewg terzi jew jekk iridu prezz shih. Il-partijiet xtraw terz u nghataw id-dritt li jabitaw fiha. Ir-riperkussjoni hija li ghaz-zewg terzi li ma xtrawx, l-Awtorita' ticcargja kumpens ghall-okkupazzjoni. Biex isir akkwist ikunu jridu jidhru t-tnejn li huma, sakemm ma jkunx hemm decizjoni tal-Qorti li mbaghad trid tigi osservata.

[8] Ara Dok. Q a fol. 159 tal-process,
.[9] Ara Dok. C a fol. 9 tal-process.

It-terz li nxtara, jispjega x-xhud ma jistax jinbiegh u jrid jigi rritornat lura lill-Awtorita', sakemm il-Qorti tiddeciedi mod iehor. Jispjega ukoll li f'kaz ta' trasferiment, l-Awtorita' ghandha tixtri lura l-fond hi u thallas lill-kumpratur il-valur tal-parti mixtrija minnhom skond stima maghmula minn perit tal-Awtorita'. Il-perit ghalhekk jikkomputa kumpens li huwa simili ghall-kirja u dak l-ammont jitnaqqas mill-istima ta' perit. Generalment il-process idum xi tlett xhur u gieli anqas,

5. James Farrugia, fil-kariga tieghu ta' Assistent Direttur Protocol and Consular Services Directorate mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jispjega li lejn l-ahhar ta' Settembru, 2016, kienu marru jkellmuh il-genituri tal-attrici u kienu spejgawlu dak kollu li kien gara bin-neputija E li kienet tinstab is-Sirja u kienet ilha hemm minn mindu kellha sentejn. Ikkonferma li fis-sena 2008 semmew li kienu telghu s-Sirja u bl-ghajnuna tal-Konslu ta' Malta hemm irnexxielhom jigu lura flimkien mat-tifla minuri u l-attrici.

Jispjega li l-genituri tal-attrici kienu marru jkellmuh fis-sena 2015 minhabba li kienu nkwietati peress l-minuri kienet toqghod vicin fejn kienet faqqghet il-gwerra. Kien hemm problemi biex it-tifla tingieb Malta peress li kien hemm bzonn il-kunsens taz-zewg genituri, kif ukoll it-tifla minuri ma kellhiex dokumenti validi peress li kienet ghadha zghira. L-avukat tal-attrici ukoll kien beda jikkomunika mal-Konslu tas-Sirja, kif ukoll dak tal-Libanu biex jaraw kif setghu jakkwistaw dokumenti legali sabiex it-tifla[10] minuri tingieb mill-border bejn is-Sirja u l-Libanu. [11]

[11] Ara Doks. JM 1 – JM 37

Jispjega li l-ewwel pass sabiex it-tifla tingieb lura huwa li jinhargilha passaport diment li jkun hemm il-kunsens taz-zewg genituri Il-Konslu ukoll kellu bzonn il-kunsens taz-zewg partijiet sabiex it-tifla minuri tigi ripatrijata. Il-Konslu ta' Malta fis-Syria kien dispost illi jakkumpanja lit-tifla minuri sa fejn kien l-aktar *safe* ghaliha. Kien qed jizgura l-protezzjoni ghaliha sal-Libanu u hemm imbaghad kienet se ssib l-assistenza diplomatika li kellha bzonn biex tigi lura Malta. Ighid li l-Konslu kien ikkonferma li kien jaf ir-rotot minn fejn setghet tghaddi l-minuri minghajr ma jigrilha xejn. Kien jehtieg wahda mill-genituri sabiex tinzel u l-attrici kienet disposta li titla' ghaliha.

6. John Micallef, in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi esebixxa l-income tax returns tal-partijiet ghall-perjodi bejn 2005 sas-sena ta' stima 2015. [12] Jikkonferma li sas-sena ta' stima 2015, l-konjugi B kienu jimlew il-prospett flimkien. Skond id-dettalji li kellu, il-partijiet kienu sseparaw fit-13 ta' Ottubru, 2015.

7. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. rrizultalha li l-attrici kellha zewg kontijiet li llum it-tnejn maghluqin.[13] Tghid ukoll li nstabu zewg kontijiet ohra f'isem il-konvenut. Kien hemm kont kurrenti li huwa maghluq u kont iehor li kien ghadu miftuh.[14] Rigward il-kont kurrenti, llum maghluq tghid li l-ahhar kont kien juri debitu ta' [15] €139.62 u kienu saru xi transfers minn kont savings.

---

[12] Ara Doks. XJM 1 – XJM 12

[13] Ara Doks. AMB 1 u AMB 2.

[14] Ara Doks. AMB 3 u AMB 4.

8.David Galea, in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonferma li  mir-ricerka li ghamel irrizulta li kien hemm kont wiehed f'isem l-attrici.[16]

9. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet kien irrizulta kont wiehed savings account f'isem il-konvenut u kien ghadu miftuh.[17] F'isem l-attrici rrizultaw tlett kontijiet savings account, li kien ghadu miftuh[18] u kien hemm zewg term deposit accounts li llum kienu jinstabu maghluqin.[19]

10. Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-partijiet.[20] Xehed ukoll li peress li l-konvenut kien tilef il-*freedom of movement* minhabba separazzjoni *de facto* u sabiex jahdem Malta kellu bzonn *work permit.* Minhabba f'hekk ma setghux ihallu l-impjieg tieghu miftuh. Id-data tat-termination tekwivali ghad-data tal-iskadenza tal-visa tieghu.

11. Dr. Alexia Aquilina, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali esebiet s-sentenza fl-ismijiet DB vs Direttur tac-Cittadinanza  u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni u Ministeru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali Cit. 632/13 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar, 2014.[21]

12. Francesca Muscat Camilleri, in rapprezentanza tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali kkonfermat li d-Dipartiment seta' jahdem biss li kieku kemm Malta kif ukoll is-Sirja kienu firmatarji tal-Hague Convention.[22]

---

[16] Ara Dok. DG 1.
[17] Ara Dok. JB1.
[18] Ara Dok. JB 2
[19] Ara Doks. JB 3 u JB 4.
[20] Ara Doks. JS1 u JS 2.
[21] Ara dok. AA.
[22] Ara Dok. FMC 1 u FMC 2.

13. John Buttigieg, Director for Consular Affairs jispjega li l-Konslu ta' Malta fis-Sirja ma setax jidhol f'litigazzjoni privata bejn il-partijiet. Jikkonferma li jekk ikun hemm sentenza li l-kura u kustodja tal-minuri hija tal-attrici, xi hadd ikun irid imur is-Sirja ghat-tifla ghax joneraw is-sentenza tal-Qorti. Peress li t-tifla ilha izjed minn tlett xhur is-Sirja, biex titlaq ikollha bzonn l-awtorizzazzjoni mid-Dipartiment tal-Passaporti, pero' ma kienx jaf jekk hux ta' Malta jew tas-Sirja jew alternattivament jinkiseb permess mill-Qorti tas-Sirja. Jispjega ukoll li anke jekk il-konvenut huwa projbit li jerga' jidhol Malta jekk imur is-Sirja u ghalhekk ma jistax jitla' ghall-minuri, b'digriet tal-Qorti li tordna lill-attrici titla' ghall-minuri, jekk jigi rikonoxxut dan id-digriet, ikunu jistghu jmexxu.

14. L-Ispettur Mario Cuschieri, in rapprezentanza tal-Korp tal-Pulizija spjega li minkejja li mhux a konoxxenza tal-fatti tal-kaz, biex tingieb it-tifla lura Malta ikunu jridu jitolbu l-assistenza tal-Gvern Sirjan, in partikolari l-pulizija Sirjana.

15. Is-Supretendent Christopher Galea Scannura jistqarr illi jekk ikun hemm digriet dwar kura u kustodja bhala pulizija jinfurmaw lill-awtoritaijiet Sirjani, pero' jibqa' dejjem il-fatt li dan id-digriet irid jigi rikonoxxut mill-awtoritajiet Civili Sirjani peress li m'hemmx Konvenzjoni.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

Il-mertu tal-vertenza odjerna huwa kaz tipiku ta' zwieg ta' konvenjenza. Il-konvenut gie Malta mis-Sirja u kien qieghed hawn bla permess. Iltaqa' mal-attrici li donnha tfajla kwieta, edukata u pulita u bla sens ta' hazen u

ggennet warajh. S'intendi l-genituri taghha ma kinux kuntenti b'din l-gherusija ghax gharrfu li l-konvenut kellu intenzjonijiet ulterjuri u cioe' biex jevita li jigi ddeportat peress li kien qieghed hawn illegalment.

Il-konvenut kien mghaggel u ma damx wisq biex ikkonvinca lill-attrici sabiex jizzewwgu fil-Moskea u hekk ghamlu ad insaputa tal-genituri taghha, ghax kien jaf fic-cert  li kien ser isib opposizzjoni kbira da parti taghhom u kienu ser ikunu l-kagun tal-problemi tieghu. Ciononostante, mir-rizultanti processwali jirrizulta li l-genituri tal-attrici kkooperaw maghha meta raw li kienet imdejjqa u mbikkma minhabba li kien hemm ir-riskju li l-konvenut jigi ddeportat. Fil-fatt, hadu parir minghand qassisin u hallew lill-attrici tiehu d-decizjonijiet taghha. Biex jevitaw id-deportazzjoni, zzewwgu civilment u anke l-genituri tal-attrici attendew ghal din ic-celebrazzjoni.

Iz-zewg kontendenti ma jinnegawx li ghall-bidu z-zwieg taghhom kien mixi tajjeb. Kien hemm problemi skond kif jallegaw l-attrici u l-genituri taghha li l-konvenut kien gieghla tghaddilu l-flus li kellha ddepozitati l-bank, fatt ikkontestat mill-konvenut. Madanakollu, in-nuqqasijiet finanzjarji baqghu dejjem parti mill-problemi ta' dina l-koppja, li hargu aktar fil-berah meta l-konvenut beda jmexxi l-hanut f'San Pawl il-Bahar, li skond hu ma tantx kien irendi. Kien hemm zmien meta kien jahdem ukoll xi impjiegi ohra biex ilahhaq mal-ispejjes, ghax l-attrici ma kinitx tahdem lanqas. Dawn il-problemi aggravaw mat-twelid tat-tifla minuri E, xi sentejn wara li zzewwgu. Ghal konvenut dan kien piz enormi u mill-provi jirrizulta li ma tantx kien ighaddi flus lill-attrici, hlief li kienet tiehu x-xirja mill-hanut li kellhom. Il-genituri tal-attrici gabu provi li kienu jghinuhom finanzjarjament, anke meta hadu post mill-Housing Authority, fejn akkwistaw terz minn appartament, wara li hadu self ta' Lm10, 500

minghand FC, iz-zija tal-attrici, liema somma, gie kkonfermat ghadha ma thallsitx sallum.

Missier l-attrici pproduca diversi provi dokumentali sabiex jikkonferma li kien hallas prattikament l-ispejjes kollha li kien hemm sabiex il-post jigi komplut u armat b' tal-anqas kcina u kamra tal-banju u tas-sodda. Il-konvenut ma jikkontestax dawn l-ispejjes.

Peress li sab lill-attrici karattru dghajjef li tista' tmexxiha, beda jiehu decizjonijiet ghalih, anke jipprova jikkonvinci lil dina l-Qorti li d-decizjonijiet ittiehdu flimkien. Meta hass li l-hajja kienet difficli hawn Malta, bejn li jiggestixxi l-hanut, bejn irid ihallas ghall-appartament skond l-iskema tal-Housing, kif ukoll l-ispejjes tat-tfal, iddecieda li jiehu lill-familja tieghu s-Sirja u li jghixu hemmhekk mal-familjari tieghu u dan bi qbil mal-attrici, peress li l-hajja kienet irhas hemm u kienu jlahhqu izjed bl-ispejjes. Ma jidhirx li ghal bidu l-attrici opponiet, peress li dejjem kien hemm l-intendiment li l-minuri u hi jergghu jigu Malta wara li joqoghdu fuq saqajhom. Izda minn hawn bdew sensiela ta' abbuzi da parti tal-konvenut. L-attrici tikkonferma li meta waslet is-Sirja, il-familjari tal-konvenut kienu hadulha l-passaport u ma riedux jaghtuhulha lura. Kien biss bl-insistenza u l-ghajnuna tal-genituri taghha u l-Konsul ta' Malta fis-Sirja, li l-attrici u bintha rnexxielhom jergghu jigu Malta.

Wara argumenti shah mal-familjari tal-attrici, il-kontendenti regghu lura flimkien u l-attrici bdiet tahdem bhala carer San Vincenz de Paule, sakemm il-konvenut rega' hareg bl-ideja li jmorru btala s-Sirja. Minkejja li l-genituri tal-attrici involvew l-Appogg u l-Pulizija biex jevitaw incident bhalma kien gara fl-2008, l-attrici bezghet mill-konvenut u telghet is-Sirja, izda gew lura minghajr il-minuri, wara li kien hallas kollox missier l-attrici.

Effettivament, il-konvenut kien rega' ddomina r-relazzjoni taghhom u ddecieda li t-tifla ghandha tibqa' s-Sirja u l-attrici kellha tirritorna, dejjem jipprometti li ser tingab lura u dan qatt ma sehh. L-attrici ilha ma tara lil bintha ghal diversi snin u llum ghandha hdax-il sena.

Meta l-attrici bdiet topponi li tmur is-Sirja jirrizulta li l-konvenut kien aggressiv mal-attrici, li ghalkemm kien hemm xi okkazzjonijiet fejn refa' idejh fuqha ma kinitx hasset il-htiega li taghmel rapport.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici abbandunatu peress li malli bdiet tahdem San Vincenz, peress li kienu joqoghodu San Pawl, kien iktar vicin ghaliha li torqod ghand il-genituri s-Siggiewi peress li kienet tibda x-xoghol kmieni filghodu. Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut, peress li r-realta' kienet ferm differenti, iz-zwieg kien ilu mhux miexi 'l quddiem, ir-relazzjonijjiet mal-genituri tal-attrici ma kinux tajbin, ma kienx hemm manteniment ghall-attrici, li mbaghad bdiet tahdem, kien cahhadha minn bintha u ma kienx fadal skop ghaliha f'dan iz-zwieg fejn kienet kontinwament iddominata mill-konvenut, anke possibilment minhabba l-karattru dghajjef taghha dan agevola l-attitudni tal-konvenut.

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali***

***jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.***"

L-abbandun ikun jehtieg li jsir "***bla gusta kawza***," izda tenut kont tac-cirkostanzi kif zvolgew f'dan il-kaz, effettivament l-attrici kellha ragunijiet gustifikabbli sabiex titlaq lill-konvenut, kuntrarjament ghal dak li jsostni hu.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, dina l-Onorabbli Qorti tasal biex tikkonkludi li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi u eccessi fil-konfront tal-attrici.

**KURA U KUSTODJA**

Skond digriet datat 11 ta' Jannar, 2019 kienu ntlaqghu t-talbiet attrici u giet fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, flimkien mat-talbiet kif dedotti fl-istess rikors.[23]

Dina l-Qorti m'ghandhiex dubju li l-konvenut ha d-decizjonijet li ha sabiex ihares l-interessi ta' bintu biex ikollha hajja iktar komda, pero' dina l-Qorti tapprezza li kien hemm problemi finanzjarji, izda dejjem kien hemm ghand min iduru ghall-ghajnuna. Thossha difficli biex tifhem ukoll, kif il-konvenut jistqarr li gie lejn Malta biex ikollu hajja ahjar, izda ghall-minuri l-hajja ahjar hija fis-Sirja, li minkejja li x-xhieda kollha qalu li l-familjari tal-konvenut laqghuhom tajjeb hafna u kienu joqoghodu f'ambjent sabih, xejn mhu se jikkancella l-fatt li din it-tifla qed titrabba f'pajjiz mahkum mill-gwerra li qed tigi mgielda fil-vicinanzi ta' fejn tghix. Kif din tista' tkun hajja ahjar ghall-minuri huwa inkoncepibbli.

Huwa minnu ukoll li l-attrici damet dan iz-zmien kollu biex tiftah dawn il-proceduri, izda kienet tittama li ser tigi lura u tametti li ma setghetx titla' daqshekk spiss hdejn bintha, minhabba x-xoghol taghha, kif ukoll minhabba l-bizghat li jgibu maghha l-gwerra li hemm ghaddejja fis-Sirja. Pero' z-zewg genituri jixtiequ li jkollhom lil binthom hawn Malta, izda forsi wisq inqas il-konvenut li jibza' li tigi totalment iddominat mill-

[23] Ara fol. 272 tal-process.

familjari tal-attrici u ma jkunx jista' jara lil bintu, izda lanqas ma seta' jitla' s-Sirja, bejn minhabba l-gwerra, izda principalment minhabba li ghandu bzonn visa peress li ma kienx ghamel zmien ta' sentejn suldat, kif ukoll minhabba sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li timpedih milli jidhol is-Sirja. Ghalhekk minn dan l-aspett kien jixtieqha hawn ukoll.

Ghalhekk, konsiderando dan kollu, ikun fl-ahjar interessi taghha li dina l-minuri E tingab lura Malta u tikkonferma d-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2019.

Dan id-digriet per se pero' mhu bl-ebda mod pass 'l boghod biex isolvi l-problemi, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex biss quddiemha decizjoni fuq kura u kustodja, izda hija decizjoni fuq tifla li trabbiet ghal bosta snin 'l boghod mill-genituri taghha, f'kultura u lingwa differenti, izda ciononostante, postha hu u jibqa' ma' ommha u missierha, minkejja d-diversi ostakoli li jistghu jiffaccjaw il-genituri, bla ma jissemmew id-diversi ostakoli legali li jehtieg li jigu ssorvolati sabiex dina t-tifla minuri tkun tista' tingieb hawn Malta in forza ta' dina s-sentenza.

Il-preokkupazzjoni principali ta' dina l-Onorabbli Qorti tikkoncentra dwar l-access ghall-konvenut meta dina t-tifla minuri tingieb Malta. Primarjament, is-Sirja mhix ko-partecipi fil-Hague Convention, kif diga' kkonfermaw diversi xhieda mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, kif ukoll minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija u ghaldaqstant fuq livell internazzjonali hemm il-bizghat fuq kif ser tigi protetta dina l-minuri, jekk ikun hemm "abduction."

Il-Qorti ma taqbilx mal-pretensjoni attrici li l-konvenut m'ghandux ikollu access ghall-minuri, ghax jibqa' l-fatt li hu dejjem ser ikun missierha u

forsi haseb li ‘l boghod mill-familja tal-attrici kien l-ahjar mezz biex irabbi t-tifla, bl-iskuza tal-problemi finanzjarja, li ghal dina l-Qorti hija biss kappa biex jghatti l-intenzjonjiijet vera tieghu. Pero’ minhabba li mill-provi prodotti, jirrizulta li l-konvenut huwa persuna li jaf minfejn ghandu jghaddi u jimmanipula s-sitwazzjonijiet biex tghaddi tieghu, ma thossx li ghandha tafdah fl-access wahdu mal-istess minuri. Ghalhekk ikun opportun li l-attrici zzomm il-passaport tal-minuri u l-access jigi ezercitat darbtejn fil-gimgha gewwa l-Agenzija Appogg.

Tenut kont taz-zmien li t-tifla minuri ilha s-Sirja t-tifla ghandha tithalla fil-liberta’ li thaddan ir-religjon li tixtieq u l-istess attrici tidher li ma topponix ghal dan il-fatt.

**MANTENIMENT**

Mhux kontestat li l-konvenut minn dejjem kien jibghat il-flus lill-minuri. Semmai kienet l-attrici li ma kinitx tibghat xi ghajnuna finanzjarja sakemm ma bdietx tahdem. Il-konvenut ikkonferma li jibghat xi €100 fix-xahar, filwaqt li l-attrici tikkonferma li hi tonfoq cirka €750 f’sena billi tixtri xi hwejjeg lill-minuri.

Huwa fatt ikkonfermat li l-partijiet it-tnejn jahdmu u jaqilghu l-ghixjien taghhom. Il-konvenut mhux qed joggezzjona li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri. In vista ta’ dan tordna li l-konvenut ihallas €200 manteniment ghall-minuri u l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partiijiet.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

**Dar matrimonjali**

Il-partijiet kienu akkwistaw l-ewwel terz ta' appartament numru 1, Blokk 3, Triq l-Insolja, Burmarrad minghand l-Awtorita' tad-Djar permezz ta' kuntratt li sar fit-28 ta' Awissu, 2007, fl-atti tan-Nutar Dorita Galea Medati.

Kienu ssellfu l-ewwel Lm10,000 minghand iz-zija tal-attrici FC. Ingabu provi da parti tal-genituri tal-attrici li kienu hallsu diversi spejjes sabiex il-post jigi "finished" u armat. Il-konvenut jikkontendi li mhux minnu, izda kien ighaddi l-flus lill-attrici u kienu jakkumpanjawha l-genituri taghha u jnizzlu kollox fuq isem missierha, izda fir-risposta tieghu ma jinnegax li kienu hallsu ghall-kmamar tas-sodda u tal-banju. Il-verzjoni tal-konvenut mhix daqshekk kredibbli, ghax dak iz-zmien, mill-provi prodotti kien jilmenta li kellu problemi finanzjarji, tant hu hekk li lanqas kien daqshekk interessat li jixtri dan l-appartament u sahansitra ssellef il-flus minghand zit l-attrici. Ghalhekk indubbjament fuq bazi ta' probabilta' ma jistax ikun li kellu l-flus biex jarma u jikkompleta l-fond.

Anke jekk l-Awtorita' tad-djar taghti l-ghazla li tiehu lura t-terz tal-fond u addirittura ikollha titolu assolut, ikun dispjacir kbir wara li nhargu diversi flejjes minghand membri tal-attrici li urew generozita' maghha. Tenut kont tal-fatt li hija tahdem ukoll u ghalhekk ghandha forma ta' sigurta' fuq xiex iddur, dina l-Onorabbli Qorti tikkondividi l-pretensjoni tal-attrici li tigi assenjata bit-terz tal-fond f' San Pawl il-Bahar u ghalhekk in-nofs tat-terz ghandhu jigi assenjat mill-konvenut, tassumi d-dejn li hemm fl-ammont ta' Lm10, 000 fil-konfront ta' FC, filwaqt li tgawdi kull benefikat li sar peress li dawn thallsu mill-genituri taghha. Huwa minnu li xi rcevuti jindikaw

indirizz differenti ghal dak fejn marru jirrisjedu l-kontendenti u anke jirreferu ghas-sena 2004, 2005 meta lanqas kienu ghadhom iffirmaw il-kuntratt, izda dawn huma limitati ghal Construct Furniture biss u jista' jaghti l-kaz li ddahhlu erronjament. In ogni caso, anke li kieku gew ipprezentati biex jizvijaw il-Qorti ugwalment dina l-Qorti mhux qed tassenja xejn minn dawn il-benefikati lill-konvenut.

**ASSI OHRA**

Ma jirrizultax li hemm hafna assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ghajr ghal diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet. Jirrizulta li z-zewg kontendenti kienu qed iwarrbu l-flus mill-hidma taghhom minghajr ma jaghtu soddisfazzjon lil xulxin. Mir-rizultanzi processwali hemm indikat li l-konvenut ghamel tlett zbankijiet ta' €9,000 mill-kont fuq ismu mal-HSBC Bank Malta plc. fis-7 ta' Novembru, 2014, kif ukoll is-somom ta' €5,000 u €10,000 rispettivament mill-kont tieghu mal-Bank of Valletta plc. fil-5 ta' Marzu, 2015 u fis-27 ta' Mejju, 2015, precisament fiz-zmien li l-attrici fethet il-kawza. L-istess ghamlet l-attrici meta gibdet is-somma ta' €8, 032 fid-9 ta' Mejju, 2013 u dan kien f' xi zmien li marret tghix mal-genituri taghha.

Effettivament dawn il-flejjes huma appartenenti l-komunjoni ghaliex huwa l-frott tal-hidma taghhom. Ghaldaqstant dawn il-flejjes ghandhom jinqasmu bejniethom u ghalhekk konsiderando li l-attrici diga' hadet is-somma ta' €8,032 ghandhom jinqassmu r-rimanenti €16,000 li qedghin ghand il-konvenut, li ghandu jghaddi s-somma ta' €8,000 lill-attrici.

Rigward il-hanut Longlife, inkluz l-kirja tieghu, dan ghandu jigi assenjat lill-konvenut li ghandu jkun responsabbli ghal kwalsiasi spejjes u utilitajiet relatati mal-istess.

Kull kont bankarju u assi f'isem il-parti ghandhom jinzammu f'isem dik il-parti li fuq isimha ikunu jinsabu l-assi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi u eccessi.

2. Tichad it-tieni talba attrici, stante li ma jezistux ragunijiet sufficjenti biex jigu applikati.

3. Tilqa' t-tielet talba fl-intier taghha u tinnomina lin-Nutar Ian Spiteri u kuraturi deputati tat-turn sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fuq l-istess Att/i fil-kaz li dan ikun kontumaci ghalih/ghalihom.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici fid-dawl ta' dak deciz aktar 'il fuq fis-subtitolu Komunjoni tal-Akkwisti / Assi Ohra.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna li l-konvenut jizgombra mill-istess fond fi zmien xahrejn.

6. Tilqa' s-sitt talba in parte fis-sens li takkorda l-kura u kustodja eskluzziva lill-attrici, b'dana li l-konvenut ghandu dritt ta' access darbtejn fil-gimgha fl-Agenzija Appogg.

7. Tilqa' s-seba' talba.

8.Tilqa' t-tmien talba u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €200 bhala manteniment, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan sakemm it-tifla minuri tibda tahdem jew issir maggorenni jew sakemm taghlaq 23 sena jekk tkun qed tistudja fuq bazi full time.

9. Tilqa' d-disa' talba attrici.

Filwaqt li tichad l-eccezzjoniijiet u l-kontro-talbiet tal-konvenut u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici ghal-istess kontro-talba tal-konvenut sa fejn huma kompatibbli mal-istess.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**